# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 423

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

7 ta' Novembru 2022


Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku**


2022/C 423/01 Twissija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Settembru 2022 dwar il-vulnerabbiltajiet fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni (BERS/2022/7) ..... 1


II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2022/C 423/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10923 — PLASTIC OMNIUM / HBPO) ([1]) ..... 7

2022/C 423/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10922 — INTERPARKING SERVIZI / GKSD / JV) ([1]) ..... 8

2022/C 423/04 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Emenda għall-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 ..... 9


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2022/C 423/05 Rata tal-kambju tal-euro — L-4 ta’ Novembru 2022 ..... 10

2022/C 423/06 Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH) *(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006)* [1] ..... 11


V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2022/C 423/07 Avviż minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.10433 – VIVENDI / LAGARDERE) [1] ..... 12


**Rettifika**


2022/C 423/08 Rettifika tal-Avviż tal-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta’ servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku (ĠU C 283, 25.7.2022) ..... 14


[1] Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## TWISSIJA TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-22 ta' Settembru 2022**

**dwar il-vulnerabbiltajiet fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni**

**(BERS/2022/7)**

(2022/C 423/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(c) u l-Artikoli 16 u 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

Billi:

(1) Is-sistema finanzjarja tal-Unjoni sa issa wriet li hija reżiljenti għaż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-inċertezza ekonomika. Madankollu, il-probabbiltà li jimmaterjalizzaw xenarji ta' riskju ta' titrif żdiedet mill-bidu tal-2022 u ġiet aggravata mill-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti. Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jistgħu jimmaterjalizzaw simultanjament, u b'hekk jinteraġixxu ma' xulxin u jamplifikaw l-impatt ta' xulxin. It-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu wasslu għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, u dan ikkawża diffikultà finanzjarja lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi li għadhom qed jirkupraw mill-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, inflazzjoni ogħla milli mistenni qed tirrestrinġi l-kundizzjonijiet finanzjarji.

(2) Dawn l-iżviluppi huma ta' piż fuq il-perspettiva makroekonomika tal-Unjoni. It-tbassir tat-tkabbir tal-prodott domestiku gross (PDG) ġie rivedut 'l isfel għall-2023 u l-probabbiltà ta' riċessjoni matul ix-xitwa 2022/2023 żdiedet. Ir-riskji negattivi jvarjaw fost l-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba l-livell differenti ta' dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja u l-intensità tal-enerġija diverġenti tal-ktajjen tal-produzzjoni. B'mod ġenerali, il-probabbiltà ta' materjalizzazzjoni tax-xenarji tar-riskju ta' titrif tiddependi fuq eskalazzjoni ulterjuri tat-tensjonijiet ġeopolitiċi; il-firxa u t-tul ta' żmien tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku; u l-persistenza ta' inflazzjoni għolja.

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(3) Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) kien ikkomunika t-tħassib tiegħu dwar inċertezza akbar u ż-żieda fil-probabbiltà ta' xenarji ta' riskju ta' titrif li jimmaterjalizzaw aktar kmieni din is-sena ([4]). Iż-żieda ulterjuri fir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja issa tiġġustifika l-ħruġ ta' Twissija Ġenerali, f'konformità mal-mandat tal-BERS. Ġew identifikati tliet riskji sistemiċi serji għall-istabbiltà finanzjarja.

(4) L-ewwel nett, id-deterjorament fil-prospettiva makroekonomika flimkien mar-restrizzjonijiet fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament jimplika żieda mill-ġdid fl-istress fil-karta tal-bilanċ għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs) u l-unitajiet domestiċi, speċjalment fis-setturi u l-Istati Membri li huma l-aktar affettwati minn prezzijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla. Dawn l-iżviluppi huma ta' piż fuq il-kapaċità tas-servizzi tad-dejn tal-NFCs u tal-unitajiet domestiċi.

(5) It-tieni, ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw minn tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-assi għadhom severi. Dan għandu l-potenzjal li jiskatta telf kbir ta' valwazzjoni skont is-suq, li, min-naħa tiegħu, jista' jamplifika l-volatilità tas-suq u jikkawża pressjonijiet ta' likwidità. Barra minn hekk, iż-żieda fil-livell u l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet iġġeneraw sejħiet kbar ta' marġni għall-parteċipanti f'dawn is-swieq. Dan ħoloq pressjonijiet ta' likwidità għal xi parteċipanti.

(6) It-tielet, id-deterjorament fil-prospetti makroekonomiċi huwa ta' piż fuq il-kwalità tal-assi u l-prospetti ta' profittabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Filwaqt li s-settur bankarju Ewropew kollu kemm hu huwa kkapitalizzat tajjeb, deterjorament qawwi fil-prospettiva makroekonomika jimplika żieda mill-ġdid fir-riskju tal-kreditu fi żmien meta xi istituzzjonijiet ta' kreditu għadhom fil-proċess li jeliminaw il-problemi tal-kwalità tal-assi relatati mal-pandemija tal-COVID-19. Ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu hija affettwata wkoll minn fatturi strutturali, inklużi kapaċità żejda, kompetizzjoni minn fornituri ġodda ta' servizzi finanzjarji kif ukoll espożizzjoni għal riskji ċibernetiċi u klimatiċi.

(7) Minbarra dawn it-tliet riskji sistemiċi severi għall-istabbiltà finanzjarja, il-BERS identifika wkoll ir-riskji sistemiċi għoljin li ġejjin.

(8) Il-vulnerabbiltajiet fis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali komplew jiżdiedu f'ħafna Stati Membri fl-ewwel nofs tal-2022 bis-saħħa ta' tkabbir qawwi fil-prezz tad-djar u tas-self ipotekarju, li jimplika akkumulazzjoni ulterjuri ta' riskji ċikliċi. Madankollu, iż-żieda fir-rati tal-ipoteki u d-deterjorament fil-kapaċità tas-servizzi tad-dejn minħabba tnaqqis fl-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi jistgħu jkunu mistennija li jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tad-djar u jwasslu għal materjalizzazzjoni tar-riskji ċikliċi.

(9) Id-deterjorament fil-prospettiva makroekonomika jżid ukoll l-isfidi għas-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali (CRE), li jirrifletti ż-żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament u l-prezzijiet tal-kostruzzjoni, konġestjonijiet fil-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni kif ukoll xejriet strutturali bħal domanda aktar baxxa għall-ispazju għall-uffiċċji. Peress li l-marġnijiet ta' profitt fis-settur CRE tal-Unjoni diġà huma baxxi, dawn l-iżviluppi jistgħu jagħmlu xi proġetti eżistenti jew ippjanati ta' investiment fis-CRE mhux profittabbli, b'hekk iżidu r-riskji ta' inadempjenza u jżidu t-tħassib dwar is-self improduttiv relatat mas-CRE, li diġà huwa għoli u qed jiżdied.

(10) Il-gwerra fl-Ukrajna żiedet il-probabbiltà ta' inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira, li jistgħu jfixklu l-infrastrutturi ekonomiċi u finanzjarji kritiċi, u jfixklu l-forniment ta' servizzi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin.

(11) It-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku u l-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji qed ikunu ta' piż fuq id-dinamika tad-dejn sovran fuq terminu medju. Id-dejn pubbliku għoli jibqa' wieħed mill-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi ewlenin f'diversi Stati Membri.

(12) Iż-żieda fir-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja titlob rispons politiku deċiżiv. Il-preservazzjoni jew it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni jibqgħu essenzjali biex tiġi żgurata l-kapaċità tiegħu li jappoġġa l-ekonomija reali jekk u meta jimmaterjalizzaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

---

([4]) Stqarrija għall-istampa tal-31 ta' Marzu 2022, wara l-45 laqgħa regolari tal-Bord Ġenerali tal-BERS fl-24 ta' Marzu 2022 u l-istqarrija għall-istampa tat-30 ta' Ġunju 2022, wara s-46 laqgħa regolari tal-Bord Ġenerali tal-BERS fit-23 ta' Ġunju 2022, disponibbli fuq is-sit web tal-BERS fuq www.esrb.europa.eu

(13) L-awtoritajiet superviżorji tal-Unjoni u dawk nazzjonali fis-setturi finanzjarji bankarji u mhux bankarji jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni billi jimmonitorjaw u jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet tas-sistema finanzjarja u tal-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' xulxin. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jagħmlu użu mill-firxa sħiħa ta' għodod mikroprudenzjali u makroprudenzjali biex irażżnu dawn ir-riskji u jimmitigaw l-impatt tagħhom, jekk dawn jimmaterjalizzaw. Fejn ma jkunux disponibbli għodod makroprudenzjali, l-awtoritajiet jista' jkollhom bżonn jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji tagħhom biex jimmitigaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u jiżguraw li s-swieq ma jsirux indeboliti. Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet rilevanti ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tar-reazzjonijiet ta' politika, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati r-riskji transsettorjali u transfruntiera, filwaqt li jiġu evitati l-proċikliċità, il-frammentazzjoni tas-suq u l-esternalitajiet negattivi għal Stati Membri oħra.

(14) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jaġixxu bħala l-ewwel linja ta' difiża, billi jiżguraw li l-prattiki ta' forniment u l-ippjanar tal-kapital tagħhom jagħtu kont xieraq ta' telf mistenni u mhux mistenni li jista' jiġi kkawżat mid-deterjorament fl-ambjent tar-riskju. Dan jinkludi l-aġġustament proattiv u regolari tal-projezzjonijiet kapitali tagħhom stess skont xenarji bażi u negattivi. Dan tal-aħħar għandu jirrifletti xenarji makroekonomiċi konservattivi u aġġornati biżżejjed, jekk wieħed jassumi stress sever, iżda plawżibbli għal perjodi twal. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw ukoll viżibbiltà tajba tar-riskji ta' likwidità tagħhom fuq terminu qasir u pjanijiet ta' kontinġenza konkreti biex jindirizzaw dawn ir-riskji. Dan huwa essenzjali wkoll għal jekk ikunx hemm xi materjalizzazzjoni ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja u biex tiġi ppreservata l-fiduċja tas-suq fl-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(15) Il-komplementarjetà tal-prattiki prudenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-bafers kapitali mikroprudenzjali u makroprudenzjali li huma konsistenti mal-livell prevalenti ta' riskju jgħinu biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Ċerti awtoritajiet nazzjonali diġà ssikkaw il-politiki makroprudenzjali, filwaqt li oħrajn bħalissa qed jesploraw jekk il-politiki makroprudenzjali jistgħux jiġu implimentati biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet. Il-preservazzjoni jew il-bini ulterjuri tal-bafers makroprudenzjali jappoġġaw ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jippermettu lill-awtoritajiet jirrilaxxaw dawn il-bafers, jekk u meta jimmaterjalizzaw ir-riskji u jkollhom impatt negattiv fuq il-karti bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan, min-naħa tiegħu, isaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jassorbu t-telf, filwaqt li jżommu l-provvista ta' servizzi kritiċi għall-ekonomija reali. Id-deċiżjonijiet ta' politika makroprudenzjali għandhom jittieħdu b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' prospettiva makrofinanzjarja u tas-settur bankarju ta' kull Stat Membru, sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' proċikliċità.

(16) Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja lil hinn mis-settur bankarju għandhom jiġu indirizzati wkoll. Dan jeħtieġ li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u tiżdied ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji u l-finanzjament ibbażat fuq is-suq. L-indirizzar tal-pressjonijiet ta' likwidità u finanzjament għall-NFCs li jipparteċipaw fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija huwa kruċjali. Madankollu, ir-rekwiżiti prudenzjali għall-ikklerjar ċentrali ma għandhomx jiġu llaxkati. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni mill-qrib għad-diskrepanzi tal-likwidità strutturali f'ċerti tipi ta' fondi ta' investiment. Il-maniġers tal-fondi għandhom ukoll jiġu mħeġġa jagħmlu użu mill-għodod tal-ġestjoni tal-likwidità meta jkun meħtieġ. Barra minn hekk, fir-rigward tal-assigurazzjoni, il-karti bilanċjali tal-unitajiet domestiċi mġebbda (stretched) jżidu r-riskju ta' skadenza tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, u potenzjalment iwessgħu d-diskrepanza fil-protezzjoni iżda jagħmlu wkoll rilevanti l-monitoraġġ tal-likwidità.

(17) Billi jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom jirriflettu b'mod adegwat id-deterjorament fl-ambjent tar-riskju u billi jqisu l-gwida u l-aspettattivi tas-superviżuri, l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji nnifishom jistgħu jkomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u jgħinu biex jipprevjenu l-materjalizzazzjoni tax-xenarji tar-riskju. Pereżempju, għall-fondi ta' investiment, dan ifisser monitoraġġ mill-qrib u l-indirizzar ta' diskrepanzi jew ingranaġġ eċċessiv ta' likwidità possibbli; għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs), il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom, dan ifisser il-monitoraġġ tal-iskoperturi tad-derivati kif ukoll l-indirizzar tar-riskju tal-konċentrazzjoni u l-proċikliċità fi prattiki ta' marġinazzjoni tul il-katina tas-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom; u għall-assiguraturi, dan ifisser li tingħata attenzjoni mill-qrib għar-riskji tas-suq u tal-likwidità, li jistgħu jimmaterjalizzaw f'xenarju ta' aktar volatilità tas-suq u inċertezza għolja.

(18) Il-BERS innota ripetutament ([5]) li nuqqas ta' għodod qed ixekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet li jindirizzaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja lil hinn mis-settur bankarju. Huwa talab li l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'tali għodod, pereżempju, fil-kuntest tar-rieżami tar-regoli prudenzjali li jirregolaw il-fondi ta' investiment u l-assiguraturi. L-ambjent ta' riskju għoli attwali jagħmel dan aktar urġenti,

ADOTTA DIN IT-TWISSIJA:

TAQSIMA 1

## Twissija

Is-sistema finanzjarja tal-Unjoni sa issa wriet li hija reżiljenti minkejja ż-żieda fl-inċertezzi ġeopolitiċi u ekonomiċi. Madankollu, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) identifika għadd ta' riskji serji għall-istabbiltà finanzjarja. Dawn ir-riskji jistgħu jimmaterjalizzaw simultanjament, u b'hekk jinteraġixxu ma' xulxin u jamplifikaw l-impatt tagħhom b'mod reċiproku. Il-probabbiltà li jimmaterjalizzaw xenarji ta' riskju ta' titrif żdiedet mill-bidu tal-2022 u ġiet aggravata mill-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti. Dawn l-iżviluppi ġeopolitiċi għandhom impatt fuq il-prezzijiet u l-provvista tal-enerġija, u dan jimplika żieda mill-ġdid fl-istress fil-karta tal-bilanċ għan-negozji u l-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, inflazzjoni ogħla milli mistenni qed tissikka l-kundizzjonijiet finanzjarji, li jistgħu jamplifikaw l-istress fis-settur finanzjarju.

Deterjorament qawwi fl-attività ekonomika jista' jwassal għal żieda mill-ġdid fir-riskju tal-kreditu fi żmien meta xi istituzzjonijiet ta' kreditu għadhom fil-proċess li jindirizzaw kwistjonijiet tal-kwalità tal-assi relatati mal-pandemija tal-COVID-19 li s'issa kienu limitati minħabba miżuri estensivi ta' appoġġ pubbliku. Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw minn tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-assi għadhom severi. Iż-żieda fir-rati tas-self ipotekarju u d-deterjorament fil-kapaċità tas-servizz tad-dejn minħabba tnaqqis fl-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi jistgħu jagħmlu pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tad-djar. Min-naħa tiegħu, dan jista' jwassal għall-materjalizzazzjoni tar-riskji ċikliċi akkumulati fis-swieq tal-proprjetà immobbli. Barra minn hekk, żdiedet il-probabbiltà ta' inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira li jkollhom impatt fuq is-sistema finanzjarja.

Minħabba ż-żieda fir-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja, il-BERS iqis li huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet tas-settur privat, il-parteċipanti fis-suq u l-awtoritajiet rilevanti jkomplu jippreparaw għall-materjalizzazzjoni tax-xenarji tar-riskju tad-denb. Il-preservazzjoni jew it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni jibqgħu essenzjali sabiex is-sistema finanzjarja tkun tista' tkompli tappoġġa l-ekonomija reali jekk u meta jimmaterjalizzaw ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja. Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-prattiki prudenti tal-ġestjoni tar-riskju fis-setturi finanzjarji u l-parteċipanti fis-suq kollha jibqgħu kruċjali biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet b'mod effettiv, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u l-esternalitajiet negattivi għal Stati Membri oħra.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jaġixxu bħala l-ewwel linja ta' difiża billi jiżguraw li l-prattiki ta' forniment u l-ippjanar tal-kapital tagħhom jagħtu kont xieraq ta' telf mistenni u mhux mistenni li jista' jiġi kkawżat mid-deterjorament fl-ambjent tar-riskju. Dan jinkludi l-aġġustament proattiv u regolari tal-projezzjonijiet kapitali tagħhom stess skont xenarji bażi u negattivi. Dan tal-aħħar għandu jirrifletti xenarji makroekonomiċi konservattivi u aġġornati biżżejjed, jekk wieħed jassumi stress serju, iżda plawżibbli f'perijodi twal. Barra minn hekk, billi jantiċipaw u jippreparaw għal riskji ta' likwidità fuq terminu qasir, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiżguraw ir-reżiljenza immedjata tagħhom, f'każ li jimmaterjalizza xi wieħed mir-riskji msemmija hawn fuq.

L-ikkomplementar tal-prattiki prudenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-bafers kapitali mikroprudenzjali u makroprudenzjali li huma konsistenti mal-livell prevalenti ta' riskju jgħinu biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-settur bankarju. Il-preservazzjoni jew il-bini ulterjuri tal-bafers makroprudenzjali jappoġġaw ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jippermettu lill-awtoritajiet jirrilaxxaw dawn il-bafers, jekk u meta jimmaterjalizzaw ir-riskji u jkollhom impatt negattiv fuq il-karti bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet ta' politika makroprudenzjali filwaqt li jitqiesu l-prospetti makrofinanzjarji speċifiċi għall-Istati Membri u l-kundizzjonijiet tas-settur bankarju, biex jiġi limitat ir-riskju ta' proċikliċità.

([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2017/6 tal-Bord Ewropew Dwar Ir-Riskju Sistemiku tas-7 ta' Diċembru 2017 dwar il-likwidità u r-riskji tal-lieva finanzjarja fil-fondi ta' investiment (ĠU C 151, 30.4.2018, p. 1). Politika makroprudenzjali lil hinn mill-banek: dokument ta' strateġija tal-BERS, 19 ta' Lulju 2016; Ir-rispons tal-BERS għad-Dokument ta' Konsultazzjoni tal-AEAPX dwar ir-reviżjoni tal-2020 tas-Solvenza II, 17 ta' Jannar 2020; u, Ittra ta' Tweġiba għal Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni ta' Solvenza II, 16 ta' Ottubru 2020, disponibbli fuq is-sit web tal-BERSfi www.esrb.europa.eu

Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja lil hinn mis-settur bankarju għandhom jiġu indirizzati wkoll. Dan jeħtieġ li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u tiżdied ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji u l-finanzjament ibbażat fuq is-suq. Fejn ma jkunux disponibbli għodod makroprudenzjali, l-awtoritajiet jista' jkollhom bżonn jagħmlu użu missetgħat superviżorji tagħhom biex itaffu l-konsegwenzi tal-materjalizzazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u jiżguraw li s-swieq ma jispiċċawx indeboliti. L-awtoritajiet rilevanti għandhom ukoll ikomplu jimmonitorjaw ir-riskji mill-qrib u jsaħħu d-djalogu superviżorju ma' istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji sorveljati fejn meħtieġ. Billi jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom jirriflettu b'mod adegwat ir-riskji akbar u billi jqisu l-gwida u l-aspettattivi tas-superviżuri, l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji jistgħu jkomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom huma stess.

Lil hinn mis-settur finanzjarju, jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll pressjonijiet ta' likwidità għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li jipparteċipaw fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija. Madankollu, dan m'għandux isir għad-detriment tal-illaxkar tar-rekwiżiti prudenzjali għas-sistemi tal-ikklerjar ċentrali.

TAQSIMA 2

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità rilevanti" tfisser:

— il-BĊE għall-kompiti kkonferiti fuqu skont l-Artikoli 4(1), 4(2) 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([6]);

— l-awtoritajiet Superviżorji Ewropej;

— l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali;

— awtorità maħtura skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jew l-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(b) "Awtoritajiet Superviżorji Ewropej" tfisser l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), flimkien mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tal-Impjieg) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill ([11]);

([6]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p.63).

([7]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([8]) Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([9]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([10]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni NruNru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([11]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(c) "awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser awtorità kompetenti jew superviżorja fi Stat Membru kif speċifikat fl-Artikolu 4(1), punt (40), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikolu 3(1), punt (36), tad-Direttiva 2013/36/UE; fl-Artikolu 13, punt (10), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), fl-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Settembru 2022.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

---

([12]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)
([13]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).
([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.10923 — PLASTIC OMNIUM / HBPO)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 423/02)

Fit 17 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32022M10923. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10922 — INTERPARKING SERVIZI / GKSD / JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 423/03)

Fit 26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32022M10922. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### Emenda għall-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19

(2022/C 423/04)

1. **IT-TIFQIGĦA TAL-COVID-19 U L-IMPATT TAGĦHA FUQ L-EKONOMIJA**

1. Fid-19 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 [1] (il-"Qafas Temporanju tal-COVID"), li ġie emendat diversi drabi [2] biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu matul il-kriżi.

2. F'Novembru 2021, fil-Qafas Temporanju tal-COVID, il-Kummissjoni introduċiet taqsima 3.13 ġdida biex tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ għall-investiment bil-għan li jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi meħtieġa għar-ritorn lejn tkabbir sostenibbli fit-tul, u b'hekk jingħelbu l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija.

3. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni ħabbret li se telimina gradwalment il-Qafas Temporanju tal-COVID. Il-Qafas Temporanju tal-COVID ma ġiex estiż lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2022 għall-biċċa l-kbira tal-għodod ipprovduti. Biex jiġi evitat effett ta' preċipizju u biex jitħalla biżżejjed żmien għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni speċjalment tal-għodod ta' rkupru stabbiliti fit-taqsimiet 3.13 u 3.14, dawn it-taqsimiet tal-Qafas Temporanju tal-COVID għandhom data ta' skadenza aktar tard. It-Taqsima 3.13 toffri l-possibbiltà lill-Istati Membri li jipprovdu appoġġ speċifiku għall-investiment sal-31 ta' Diċembru 2022 u t-Taqsima 3.14 tippermetti miżuri ta' appoġġ għas-solvenza fl-31 ta' Diċembru 2023.

4. Il-Kummissjoni tieħu nota tan-nuqqas ta' ħaddiema u t-tfixkil kontinwu fil-ktajjen tal-provvista wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID qed jiddewwem saħansitra aktar, fid-dawl tal-konsegwenzi fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri kkawżati mill-attakk mhux provokat mir-Russja fuq l-Ukrajna [3]. Fl-isfond ta' dawn il-fatti, il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li jiġi pprovdut aktar żmien biex il-miżura li tippermetti appoġġ għall-investiment lejn irkupru sostenibbli tkun tista' tilħaq l-objettivi tagħha.

2. **ESTENSJONI TAL-APPOĠĠ GĦALL-INVESTIMENT LEJN IRKUPRU SOSTENIBBLI**

5. Il-Punt 91 huwa emendat kif ġej:

   "L-għajnuna f'din it-taqsima tista' tiżdied ma' għajnuna għall-investiment reġjonali notifikabbli u akkumulata ma' tipi oħra ta' għajnuna skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 20 ta' dan il-Qafas Temporanju. L-għajnuna mogħtija skont il-Qafas Temporanju ta' Kriżi (*) ma tistax tiġi akkumulata mal-għajnuna f'din it-taqsima għall-istess kostijiet eliġibbli. L-ammont totali tal-għajnuna fl-ebda ċirkostanza ma jista' jaqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli. B'riżultat ta' dan, l-akkumulazzjoni ma' strumenti oħra ta' għajnuna li jippermettu l-kopertura ta' diskrepanza fil-finanzjament hija eskluża.

   (*) ĠU C 131I , 24.3.2022, p. 1."

6. Il-Punt 93 huwa emendat kif ġej:

   "93. L-għajnuna f'din it-taqsima tista' tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023. L-għajnuna għal investimenti li saru qabel l-1 ta' Frar 2020 hija eskluża."

---

[1] ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1.
[2] ĠU C 112I, 4.4.2020, p. 1; ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3; ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3; ĠU C 340I, 13.10.2020, p. 1; ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6; ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1.
[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, (ĠU C 131I, 24.3.2022, p. 1).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**L-4 ta' Novembru 2022**

(2022/C 423/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 0,9872 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3351 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 145,19 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 7,7493 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4419 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6769 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87478 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,3891 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,8538 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 397,70 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 0,9863 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,7983 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 145,50 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,0894 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,2019 | HRK | Kuna Kroata | 7,5353 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 491,81 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,422 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,6872 |
| HUF | Forint Ungeriż | 401,15 | PHP | Peso Filippin | 57,672 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,6825 | RUB | Rouble Russu | |
| RON | Leu Rumen | 4,8893 | THB | Baht Tajlandiż | 36,906 |
| TRY | Lira Turka | 18,3845 | BRL | Real Brażiljan | 4,9682 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5311 | MXN | Peso Messikan | 19,2611 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 81,0200 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]))*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 423/06)

**Deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni**

| Referenza tad-Deċiżjoni ([1]) | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur(i) tal-awtorizzazzjoni | Numru tal-awtorizzazzjoni | Użu awtorizzat | Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet għad-Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C(2022) 7569 | il-31 ta' Ottubru 2022 | 4-(1,1,3,3-tetrametil-butil)fenol, etossilat (4-tert-OPnEO) Numru KE: -, Nru CAS:- | Instrumentation Laboratory SpA, Viale Monza 338, 20128, Milano, l-Italja | REACH/22/42/0 | Bħala aġent tal-liżi għaċ-ċelloli tad-demm ħomor f'apparat dijanjostiku tal-analiżi tad-demm | L-4 ta' Jannar 2033 | F'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użi tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata. |

([1]) Id-Deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Awtorizzazzjoni (europa.eu).

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10433 – VIVENDI / LAGARDERE)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 423/07)

1. Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vivendi S.E. ("Vivendi", Franza), ikkontrollata mill-grupp Bolloré;

— Lagardère S.A. ("Lagardère", Franza).

Vivendi jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tat-totalità ta' Lagardère kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-21 ta' Frar 2022.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vivendi huwa grupp tal-media, prinċipalment attiv fis-setturi tal-pubblikazzjoni, televiżjoni bla ħlas u bi ħlas, il-forniment ta' servizzi ta' xiri ta' spazju għar-reklamar u komunikazzjoni ta' reklamar, l-istampa, il-forniment u l-ospitar ta' kontenut vidjo fuq l-internet u l-ispettaklu dirett, prinċipalment fi Franza,

— Lagardère huwa grupp attiv prinċipalment fis-setturi tal-pubblikazzjoni, tal-bejgħ ta' vjaġġi lill-konsumaturi, tal-awdjoviżiv, tal-istampa u tal-media (inkluż ir-reklamar), tad-divertiment dirett u tad-divertiment, prinċipalment fi Franza.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.10433 – VIVENDI / LAGARDERE

([1]) ĠU L 24 tad-29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**RETTIFIKA**

**Rettifika tal-Avviż tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 283 tal-25 ta' Lulju 2022)*

(2022/C 423/08)

F'paġna 71 (Rotta kkonċernata: Aurillac - Pariġi (Orly)), it-taqsima "Skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u tal-offerti",

*minflok:* "Il-31 ta' Ottubru 2022, f'12:00 (ħin ta' Pariġi)",

*aqra:* "Id-29 ta' Novembru 2022 (f'12.00, ħin ta' Pariġi)".

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT